MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru 1150/2011

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)
vs
Mark Xerri

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 0248896m, akkuzat talli:
1. fid-9 ta' Ottubru, 2011, ghal habta tal-5.00 hrs fi Triq l-Imdina, Zebbug, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Yvette Galdes f'perikolu car, ikkagina hsara fil-gisem jew fis-sahha jew li ggibilha disordni fil-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz kif iccertifika Dr Paul Zammit MD (Reg 3242) tat-Taqsima tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei bi ksur tal-Artikolu 214, 216(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvediment tal-Artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' Yvette Galdes.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni tipotizza l-ferita gravi u l-offiza kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika.
L-allegata vittma, certa Yvette Galdes, tirrsulta li kienet dak iz-zmien u hekk ghada l-gharusa tal-imputat tant li fil-present qeghdin jghixu flimkien bl-intendiment li jizzewgu dalwaqt.
Rigward l-incident li ta' aditu ghal dawn il-proceduri jirrisulta li hu konsegwenza ta' litigju verbali li huma kellhom f'hin bikri ta' filghodu tal-gurnata in kwistjoni meta l-imputat kien qieghed jwassalha d-dar. Jirrisulta mix-xhieda taghhom it tnejn li f'hin minnhom l-imputat waqqaf il-vettura, nizel minnha, mar fuq in-naha opposta taghha u qabadha minn dirghaja biex tohrog mill-vettura meta inceppat u waqghet mal-art.
Il-griehi gew ikklassifikati bhala gravi semplicement ghaliex lil imsemmija Galdes gie riskontrat ksur ta' ftit kont u importanza f'sinna, li giet trattata minghajr ebda bzonn ta' intervent kirurgiku, u allegata frattura f'wahda minn spallietha. Dwar din il-frattura jew ukoll in-natura taghha x-xhieda huma diskordi. Skond hi ksur fi spallietha ma sofrietx. Ilmentat biss li minhabba l-waqgha sofriet qsim f'xuftejja konsegwenza ta' liema ghamlet gimgha ma tmurx ghax-xoghol.
Intant, apparti xi kontuzjoni fuq dirghaja l-leminija u xi grief fuq il-minkeb tal-lemin u girfa wahda, jirrisulta li ma kellha ebda griehi ohra.

L-imputat pero’ minhabba l-allegat ksur fi spallietha, li l-prova taghha hi insodisfacjenti ghall-kollox, u l-qasma insinifikantu fis-sinna, hu akkuzat li ghamel feriti gravi ai termini tal-Artikolu 214 u 216(d). Dan l-ahhar artikolu jikklasifika l-ferita gravi bhala dik li “iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, ghal daqshekk zmien, izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu”. Dan palesament mhux il-kaz.
Dwar l-offiza kontravenzjonali din hi kwistjoni ta’ fatt dipendenti mic-cirkostanzi ta’ kull kaz.
Fil-kaz odjern il-Qorti mhux tirriskontrah.
Ghaldaqstant, billi l-imputazzjonijiet, f’kull kaz, ma jirrisultawx, tillibera lill-imputat minn kull htija u piena

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------